# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 14 ta’ Novembru, 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Deniro Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Deniro Bugeja u detentur tal-karta tal-identita Maltija bin- numru 557594M,

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fl-14 ta’ Novembru 2015 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data:-

a) Biegh jew xort' ohra ittraffika il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur ta’ l-Art 8 (e) ta’ l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini

perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta’ l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

c) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

d) Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f’tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu

e) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

f) Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

g) U aktar talli talli ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza inghatat mill-Magistrat Dr F. Depasquale LLd nhar it-12 ta' Novembru 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula

Il-Qorti, giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-akkuzat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ikkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-domumenti esebieti.

Semghet it-tratattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in komsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 8(d)(e) u t-Taqsimiet 4 u 6 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolamenti ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu tikkundannah sena u nofs prigunerija u multa ta' elf Euro (€1,000) u, b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9, qed iddahhal fis-sehh is-sentenza datata 12 ta' Novembru 2013 permezz ta' liema l-imputat gie ikkundannat xahrejn prigunerija. In oltre qed tordna il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flus kollha esebieti u qed tordna id-distruzzjoni a karigu tar-registratur tad-droga u l-oggetti l-ohra kollha esebieti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**